# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 1101/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Lawrence Fino ID 443040(M)**

**Vs**

**Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174)**
**u**
**Ryan Schembri (K.I. 450878M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi permezz tal-ittra uffiċjali datata 3 ta' Novembru 2014 bin-numru ta' referenza 3477/14 fl-ismijiet premessi, li saret sabiex tirrendi numru ta' kambjali eżekuttivi ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, r-rikorrenti ottjena titolu eżekuttiv fis-somma ta' mitejn, tnejn u sebgħin elf, mija tmienja u tletin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€272,138.85) fil-konfront tal-intimati liema debitu huwa rikonoxxut minn kambjali. Kopja tal-ittra uffiċjali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A.*

    2. *Illi l-ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lis-soċjeta` intimata Cassar & Schembri Marketing Limited C 33174, fil-5 ta' Novembru 2014, u ġiet notifikata lil Dr. Mark Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur Legali Alison Wadge fis-16 t' April 2015, li ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat Ryan Schembri, u dan kif jidher mir-riferta tal-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija.*

3. *Illi b'hekk, permezz tal-ittra uffiċjali surriferita, l-esponent ottjena titolu eżekuttiv a tenur tal-Artikolu 253(e).*

4. *Filwaqt li l-kuraturi intimati opponew għal din il-proċedura b'rikors tas-17 t'April 2015 (numru 379/15) l-istess proċedura ġiet kanċellata u dana wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bi provvediment datat 17 ta' Mejju 2022 ddikjarat dak ir-rikors deżert ai termini tal-Artikolu 964 tal-Kap 12. Kopja tal-provvediment qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B.*

5. *Illi għalhekk, it-titolu eżekuttiv tar-rikorrent baqa' validu u ma jinsabx kontestat.*

6. *Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv bħal dak li ottjena r-rikorrent, wara l-għeluq ta' ħames snin minn dakinhar li fih skont il-liġi seta' jiġi eżegwit tista' ssir biss b'talba magħmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti, u għalhekk qed iressaq dan l-umli rikors.*

7. *Illi għall-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, r-rikorrent jiddikjara bil-ġurament li l-ammont ta' mitejn, tnejn u sebgħin elf, mija, tmienja u tletin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€272,138.85), għadhom dovuti mill-intimati sal-lum il-ġurnata.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent qiegħed umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tar-rikorrent a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

2. Rat l-Ittra Uffiċjali datata 3 ta' Novembru 2014 Nru 3477/14 fl-ismijiet tar-rikors odjern.

3. Rat illi fit-23 ta' Frar 2023, l-atti ġew notifikati lil Ryan Schembri u lis-soċjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited, lkoll f'idejn Ryan Schembri personalment. (fol 14 tergo)

4. Rat illi fis-7 ta' Marzu 2023, il-Qorti ġiet mgħarrfa li s-soċjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited hija fi stadju ta' stralċ, u għalhekk ikun opportun li jiġi notifikat r-Riċevitur Uffiċjali.

5. Rat illi fid-29 ta' Marzu 2023 saret in-notifika lir-Riċevitur Uffiċjali fl-uffiċċji tar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

6. Rat illi fl-20 ta' Ġunju 2023, ġie ppreżentat dokumentazzjoni da' parte tar-rikorrent li jinkludi, fost affarjiet oħra, is-sentenza ta' xoljiment u stralċ datata 3 ta' Novembru 2015 w in-nomina tar-Riċevitur Uffiċjali tal-15 ta' Lulju 2021.

7. Rat illi fl-20 ta' Ġunju 2023, il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li ma deher ħadd ghal Ryan Schembri w is-soċjeta' in proċess ta' stralċ, Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

8. Rat l-Artikolu 253 (e) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili u l-Ittra Uffiċjali Nru 3477/14 datata 3 ta' Novembru 2014 u debitament notifikata lill-partijiet, intitolata

"*Dina l-Ittra Uffiċjali qed tintbagħat biex tirrendi kambjala jew promissory note eżegwibbli*" fejn ġew interpellati kif ġej:

> *Permezz tal-preżent Ittra Uffiċjali, Lawrence Fino, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 443040(M) ta' 70, Flat 8, Tower Road, Sliema, jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' din l-ittra tħallsu l-mittenti s-somma ta' mitejn, tnejn u sebgħin elf, mija, tmienja u tletin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€272,138.85) rappreżentanti żewġ kambjali li huma datati 5 ta' Frar 2014, inkwantu għas-somma ta' mitejn, sitta u sittin elf Dollaru Amerikan ($266,000) ekwivalenti għal mitejn u tnax-il elf, seba' mija u dsatax-il Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€212,719.95) bin-numru 005 u inkwantu għas-somma ta' erbgħa u sebgħin elf, mitejn, tmienja u sittin Dollaru Amerikan ($74,268) ekwivalenti għal disgħa u ħamsin elf, erba' mija, u tmintax-il Ewro u disgħin ċenteżmu (€59,418.90) bin-numru 006 rispettivament (Ara Dok 'A') u liema kambjali skadew fil-5 ta' Mejju 2014.*
>
> *Fin-nuqqas ta' ħlas kif mitlub, l-mittenti ma jkollu ebda alternattiva għajr li jipproċedi kontra tagħkom mingħajr pre-avviż ieħor flimkien bil-mandati neċessarji sabiex jissalvagwardja d-drittijiet spettanti lilu*

9. Rat l-artikolu 258 (c) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili fejn huwa stabbilit li titolu ottjenut, fost affarjiet oħra, a tenur tal-Artikolu 253 (e), jiskadi wara l-għeluq ta' ħames snin

10. Rat illi l-Ittra Uffiċjali intbagħtet fit-3 ta' Novembru 2014 u għalhekk għaddew il-ħames snin stabbiliti fil-Liġi.

11. Rat illi ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba kif magħmula u kkonfermata minn Lawrence Fino stess bil-ġurament fit-8 ta' Novembru 2022 m'għandhiex tintlaqa'.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tawtorizza** l-eżekuzzjoni tal-Ittra Uffiċjali Nru 3477/14 datata 3 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet 'Lawrence Fino vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited u Ryan Schembri'.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**